MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2003

Numru. 306/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**MARY BEZZINA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Mary Bezzina bint Francis Camilleri u Magdalen nee` Gambin residenti Nru 41, Triq Viani, Rabat, Ghawdex (Detentrici tal-karta ta' l-Identita` numru 12957 G) giet imressqa quddiemha akkuzata:

1. Talli fl-20 ta' Gunju 2003 ghall-habta tal-11:00 p.m. bhala persuna li fuq isimha ghandha il-licenzja tal-hanut "Glass Box Bar" Pjazza Sir M'Angelo Refalo, Marsalforn kisret il-kundizzjoni li ghandha fil-licenzja billi kkagunat sikkatura bil-hsejjes mill-bar taghha. (Avviz

Legali 102/2002 tieni Skeda, kundizzjonijiet tal-licenzja 02.4)

2. Talli fl-istess data, lok u hin haddmet jew geghlet jew halliet lil min ihaddem loud speaker, gramafon, amplifikatur jew strument bhal dawn, ghamlet inkella geghlet jew halliet li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-deteturi jew lin-nies li kienu joqoghdu f'bini fil-qrib bi ksur ta' l-Art.41 (2) tal-Kap 10 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lis-Sur Ludgard Gatt bhala rapprezentant tal-Malta Tourism Authority, PC 1549 u Carmel Azzopardi;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 29 tal-Kap 441 u l-artikolu 41 (2) ta' l-Avviz Legali 102/2002 u 41 (2) tal-Kap 10;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti l-akkuzi ma gewx pruvati b'mod sodisfacenti;

Ghaldaqsant tiddikjara li ma ssibx lill-imputata hatja ta' l-akkuzi u tilliberaha minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------